MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' April, 2006

Talba Numru. 395/2005

**Jesmond Agius**
**vs**
**Vincent Attard**
**o.b.o Amal Group**

Numru
Talba Numru 395/2005

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta’ mhux aktar minn Lm1,500 rapprezentanti danni sofferti minhabba ksur ta’ ftehim mal-konvenut biex dan jissuplixxi u jistalla zewg wall panels.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa l-inkompetenza tat-Tribunal rationae materie u li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-verbal ta’ l-udjenza mizmuma fil-11 ta’ Lulju 2005 meta l-konvenut irtira l-eccezzjonijiet tieghu dwar il-kompetenza tat-Tribunal.

Ra x-xhieda ta’ l-attur Jesmond Agius u tal-konvenut Vincent Attard.

Ra d-dokumenti esebieti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi mill-atti jirrizulta li l-attur kien ordna wall panelling minghand l-attur bil-prezz ta’ Lm300 li minnhom hallas depozitu ta’ Lm50. L-ordni saret fi Frar 2004 u x-xoghol kellu jkun lest f’Settembru / Ottubru 2004. L-attur kien ikkonkluda n-negozju ma’ impjegat ta’ l-attur.

Meta f’Settembru 2004 l-attur mar jindaga fuq il-wall panelling sab li l-konvenut ma kienx jaf b’l-ordni. In oltre meta l-attur ha l-kopja ta’ l-istima l-konvenut ma riedx jaghmel ix-xoghol ghax l-istima kienet zbaljata; fil-fatt il-wall panelling ma sarx. L-attur kellu ordna l-wall panelling minghand haddiehor u issa gie jiswih Lm533.

Illi m’hemmx dubju li jekk l-impjegat tal-konvenut ghamel zball f’l-istima l-konsegwenzi ta’ dak l-izball ghandu jbaghtihom il-konvenut. Ghalhekk la darba l-prezz kontrattat kien Lm300 il-konvenut ma setax unilateralment jippretendi li jzid il-prezz u ghandu jbati l-konsegwenzi ta’ agir tieghu u cioe tat-terminazzjoni tal-kuntratt u jerfa’ r-responsabbilta` ghad-danni li sofra l-attur bhala rizultat tat-terminazzjoni tal-kuntratt.

L-attur qed jippretendi rifusjoni tas-somma ta’ Lm50 u danni fl-ammont ta’ Lm533 li huwa l-prezz tal-wall panelling li huwa hallas lit-terzi li eventwalment ghamlu x-xoghol.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur hu pjenamet gjustifikat fit-talba tieghu ghar-rifusjoni tal-Lm50.00, pero` il-pretensjoni ta' danni fl-ammont ta' Lm533 hija eccessiva. L-akkoljiment ta' din it-talba fir-realta` tkun tfisser li l-konvenut qed jigi mgieghel ihallas il-wall panelling mixtri mill-attur u mhux id-danni subita mill-attur.

It-Tribunal wara ezami tal-provi u bl-applikazzjoni ta' principji ta' ekwita qed jiffissa arbitrio buoni viri d-danni li taghhom huwa responsabbli l-konvenut fis-somma ta' Lm233 u cioe d-differenza bejn il-prezz miftiehem ma' l-attur u l-prezz eventwalment imhallas mill-attur ghall-wall panelling. Flimkien ma' dan l-ammont il-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' Lm50.00 fuq imsemmija, b'hekk total ta' Lm253.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' Lm253 u jikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont ta' Lm253 bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------